*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Globo Comunicação e Participações S/A (Rio de Janeiro, il-Brażil)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-14 ta' Marzu 2016 (Każ R 0561/2014-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Globo Comunicação e Participações u Globo Media.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Globo Media, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 260, 18.7.2016.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Mejju 2017 – De Nicola vs BEI**

**(Kawża T-75/16 P)** ([1])

***("Appell — Servizz pubbliku — Persunal tal-BEI — Evalwazzjoni — Rapport ta' evalwazzjoni tal-karriera — Proċedura ta' evalwazzjoni 2010 — Żbalji ta' liġi — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament mhux fondat")***

(2017/C 202/31)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Appellant:* Carlo De Nicola (Strassen, il-Lussemburgu) (rappreżentant: G. Ferabecoli, avukat)

*Appellat:* Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) (rappreżentanti: inizjalment minn G. Nuvoli u T. Gilliams, sussegwentement minn G. Nuvoli u G. Faedo, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett**

Appell ippreżentat kontra d-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (Imħallef uniku) tat-18 ta' Diċembru 2015, De Nicola vs BEI (F-128/11, EU:F:2015:168), u intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.

**Dispożittiv**

1) *L-appell huwa miċħud.*

2) *Carlo De Nicola għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) fil-kuntest ta' din il-kawża.*

([1]) ĠU C 118, 4.4.2016.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Marzu 2017 – Ikos vs EUIPO (AEGYPTISCHE ERDE)**

**(Kawża T-76/16)** ([1])

***["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għal trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea AEGYPTISCHE ERDE — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Ċaħda tal-applikazzjoni — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt"]***

(2017/C 202/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ikos GmbH (Lörrach, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Masberg, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: M. Fischer, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Diċembru 2015 (Każ R 1257/2015-1), rigward applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali AEGYPTISCHE ERDE bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ikos GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 118, 4.4.2016.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' April 2017 – Dreimane vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-618/16)** (1)

***("Rikors għal annullament u għad-danni — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Pensjonijiet — Trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni nazzjonali — Kalkolu tas-snin ta'servizz pensjonabbli — Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal — Terminu — Inammissibbiltà manifesta")***

(2017/C 202/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Sandra Dreimane (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: J. Ābiks, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Gattinara u L. Radu Bouyon, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiffissa l-akkreditazzjoni tas-snin ta' servizz pensjonabbli li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-iskema tal-pensjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fuq talba għat-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni akkwistati mir-rikorrenti qabel id-dħul tagħha fis-servizz tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens tad-dannu li r-rikorrenti allegatament ġarrbet minħabba n-nuqqas ta' osservanza, mill-Kummissjoni, ta' terminu raġonevoli għat-trattament ta' din it-talba għal trasferiment.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal intervent tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*

3) *Sandra Dreimane għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.*

(1) ĠU C 371, 10.10.2016 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru F-48/16 u ttrasferita quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Settembru 2016).

---